IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.11.2016
COM(2016) 860 final

ANNEX 2

ANNESS

Azzjoni biex tixpruna t-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa

għall-

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW, LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI U LILL-BANK EWROPEW TAL-INVESTIMENT

Enerġija Nadifa Għall-Ewropej Kollha

Il-biċċa l-kbira tal-azzjonijiet ta' dan id-dokument huma dawk li se jkollhom impatt fuq medda ta' żmien qasir u medju. Fil-qafas tal-Istat annwali tal-Unjoni tal-Enerġija, il-Kummissjoni se tirrapporta dwar l-implimentazzjoni ta' dawn l-azzjonijiet u twitti t-triq għal azzjonijiet ġodda kif meħtieġ.

1. Tranżizzjoni soċjalment ġusta u ħiliet ġodda

L-enerġija hija bene u servizz kritiku, assolutament essenzjali għall-parteċipazzjoni sħiħa fis-soċjetà moderna. Diġà jeżistu għadd ta' strumenti u jeħtieġ li jintużaw biex jiġi żgurat li t-tranżizzjoni tal-enerġija nadifa tkun ġusta u tqis l-impatt trasformattiv tagħha fuq is-setturi, ir-reġjuni jew il-persuni vulnerabbli affettwati b'mod negattiv mit-tranżizzjoni.

L-għodod ewlenin f'dan ir-rigward huma l-**Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej**, inkluż il-Fond Soċjali Ewropew, li jappoġġaw lill-aġġustament f'setturi u reġjuni milquta u t-tranżizzjoni għal mudelli kummerċjali u profili tal-impjiegi ġodda. Mill-inqas EUR 1,1 biljun mill-Fond Soċjali Ewropew se jkunu ddedikati fil-perjodu 2014–2020, għat-titjib tal-edukazzjoni u s-sistemi tat-taħriġ meħtieġa għall-adattament tal-ħiliet u l-kwalifiki, u għall-ħolqien ta' impjiegi ġodda f'setturi relatati mal-enerġija u l-ambjent. Il-Fond Soċjali Ewropew jintuża wkoll minn xi Stati Membri biex itaffu l-faqar fl-enerġija, bħala żieda mal-EUR 5,2 biljun allokati mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni għal investimenti fl-effiċjenza tal-enerġija fid-djar. F'dawn l-allokazzjonijiet, għadd ta' Stati Membri għażlu li jimmiraw l-akkomodazzjoni soċjali u l-familji fil-bżonn, u b'hekk jikkontribwixxu għal soluzzjonijiet fit-tul li jindirizzaw il-faqar fl-aċċess għall-enerġija għal kważi miljun familja. It-titjib fl-effiċjenza fl-użu tal-enerġija tal-bini huwa wieħed mill-għodod importanti biex l-enerġija ssir aktar affordabbli u għall-ġlieda kontra l-faqar enerġetiku. Flimkien mal-miżuri proposti fil-leġiżlazzjoni[1], il-Kummissjoni se twaqqaf ukoll Osservatorju tal-Faqar tal-Enerġija biex tipproduċi statistika affidabbli dwar l-għadd ta' familji foqra fl-enerġija f'kull Stat Membru, u tikkontribwixxi għat-tixrid ta' prattiki tajbin.

Azzjonijiet speċifiċi f'termini ta' trasferiment tal-għarfien, akkwist ta' ħiliet u promozzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi rigward l-użu u l-produzzjoni effiċjenti tal-enerġija huma ffinanzjati taħt il-politika ta' Żvilupp Rurali. Pereżempju, 99 000 benefiċjarju (l-aktar il-bdiewa u detenturi forestali) huma mistennija li se jkunu mħarrġa fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mal-enerġija fil-perjodu 2014–2020.

Speċifikament biex tappoġġa s-solidarjetà fit-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa, il-Kummissjoni pproponiet, bħala parti mir-reviżjoni tas-**Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet**[2] li talloka riżorsi biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet addizzjonali ta' investiment partikolarment għoljin fi Stati Membri bi dħul aktar baxx. Il-Fond ta' Modernizzazzjoni l-ġdid għandu l-għan li jiffaċilita l-investimenti fl-immodernizzar tas-sistemi tal-enerġija u jtejjeb l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija. Barra minn hekk, huwa propost ukoll li l-10 % tal-kwoti li jridu jiġu rkantati mill-Istati Membri se jkomplu jkunu distribwiti għall-benefiċċju ta' ċerti Stati Membri bi dħul aktar baxx. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tipproponi li l-Istati Membri jużaw ukoll id-dħul mill-iskambju ta' emissjonijiet għall-promozzjoni tal-formazzjoni tal-ħiliet u r-riallokazzjoni tal-ħaddiema affettwati mit-tranżizzjoni tal-impjiegi f'ekonomija ta' dekarbonizzazzjoni, f'koordinazzjoni mill-qrib mal-imsieħba soċjali.

[1] Ara l-proposta sabiex tkun emendata d-Direttiva dwar il-Prestazzjoni tal-Enerġija tal-Bini, COM(2016) 765.

[2] Il-Proposta li temenda d-Direttiva 2003/87/KE biex ittejjeb it-tnaqqis kosteffettiv tal-emissjonijiet u investimenti b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju, COM (2015) 337.

Dan għandu jiġi kkumplimentat b'inizjattiva dedikata li se tipprovdi aktar **appoġġ imfassal apposta għat-tranżizzjoni fir-reġjuni industrijali b'livell għoli ta' faħam u ta' karbonju**. L-għan huwa li tingħata spinta u/jew ikompli jitjieb il-proċess ta' ppjanar tar-reġjun għall-bidliet strutturali marbuta mat-tranżizzjoni tal-enerġija u l-iskambju ma' reġjuni oħra li jippreżentaw sitwazzjonijiet simili. Bħala l-ewwel pass, il-Kummissjoni se tqarreb lil dawn ir-reġjuni biex flimkien jiddiskutu l-proċessi possibbli tal-ippjanar, jiffaċilitaw l-iskambju tal-aħjar prattiki, u jeżaminaw liema strumenti ta' appoġġ huma disponibbli.

L-approċċ ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti fil-qafas tal-Politika ta' Koeżjoni tal-UE, b'mod partikolari l-pjattaformi dedikati[3], jista' jipprovdi għajnuna rilevanti lir-reġjuni. Bħala proċess minn isfel għal fuq li jinvolvi b'mod partikolari l-industrija, il-komunità tar-riċerka, tal-iżvilupp u tal-innovazzjoni u l-awtoritajiet pubbliċi, dan jista' jippermetti lir-reġjuni jiżviluppaw u jimplimentaw l-istrateġija tagħhom ta' tranżizzjoni tal-enerġija.

It-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa toffri opportunitajiet ta' ħolqien ta' impjiegi sostenibbli. Madankollu, it-tranżizzjoni b'suċċess teħtieġ taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema, ippjanar aħjar u antiċipazzjoni tat-tibdil u l-ħiliet u tqabbil aħjar tal-ħiliet. Il-Fond Soċjali Ewropew jista' jappoġġa dawn l-isforzi fl-istadji kollha tal-ħajja mis-sensibilizzazzjoni tat-tfal fl-iskejjel għall-appoġġ tat-taħriġ tal-ħiliet rilevanti u l-intraprenditorija relatata mal-enerġija nadifa kif ukoll l-inklużjonijiet soċjali permezz tal-karrieri rilevanti. Taħt l-**Aġenda dwar il-Ħiliet għall-Ewropa**[4] tagħha, il-Kummissjoni nediet sforz biex tgħin tindirizza dawn l-isfidi tal-ħiliet u tindirizza n-nuqqasijiet ta' ħiliet f'setturi ekonomiċi speċifiċi (l-hekk imsejħa "Skemi ta' Kooperazzjoni Settorjali dwar il-Ħiliet"). Abbażi tal-esperjenza tal-Iskemi pilota mnedija din is-sena (b'mod partikolari fis-setturi tal-karozzi u tat-teknoloġija marittima), skemi bħal dawn jirrappreżentaw opportunità biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet ta' ħiliet għal tranżizzjoni tal-enerġija nadifa. L-Iskema kontinwa għal kooperazzjoni fil-ħiliet settorjali fis-settur marittimu diġà tinvolvi l-enerġija mir-riħ barra mill-kosta u l-enerġija mill-oċeani u tista' tkun test rilevanti b'mod partikolari għat-tieni fażi f'setturi bħall-enerġija li tiġġedded jew il-kostruzzjoni.

L-imsieħba soċjali għandhom rwol kruċjali biex jidentifikaw il-ħtiġijiet tal-ħiliet u jantiċipaw u jimmaniġġjaw il-bidliet. Dawn diġà huma marbuta mal-ħidma dwar l-Unjoni tal-Enerġija fil-livell tal-UE u jeħtieġ li jkunu involuti mill-qrib fil-proċess iżda wkoll fid-diskussjonijiet dwar il-pjanijiet nazzjonali integrati tal-enerġija u tal-klima.

Sabiex ikun hemm tranżizzjoni soċjalment ġusta ta' enerġija nadifa u ħiliet ġodda:

- *Il-Kummissjoni se teżamina kif l-aħjar li tappoġġa r-reġjuni b'livell għoli ta' karbonju u faħam li għaddejjin mit-tranżizzjoni tal-enerġija nadifa. Għal dan l-għan, hija se taħdem bi sħubija mal-atturi kollha ta' dawn ir-reġjuni, tipprovdi gwida, b'mod partikolari għall-aċċess għall-fondi u l-programmi disponibbli u għall-użu tagħhom, u tħeġġeġ l-iskambju ta' prattiki tajbin, inklużi diskussjonijiet dwar pjanijiet direzzjonali industrijali u l-ħtiġijiet ta' żviluppar mill-ġdid tal-ħiliet, permezz ta' pjattaformi mmirati.*
- *L-Istati Membri għandhom jużaw il-pjanijiet nazzjonali integrati dwar il-klima u l-enerġija tagħhom biex jirriflettu dwar l-impatt soċjali, tal-ħiliet u industrijali fit-tranżizzjoni tal-enerġija nadifa.*

[3] http://s3platform.jrc.ec.europa.eu.

[4] Komunikazzjoni "Aġenda Ġdida għall-Ħiliet għall-Ewropa: Naħdmu flimkien biex insaħħu l-kapital uman, l-impjegabbiltà u l-kompetittività", COM (2016) 381.

- *Abbażi tal-esperjenza tal-iskemi pilota, fl-2017 il-Kummissjoni se tintroduċi żewġ Skemi ġodda għall-Kooperazzjoni Settorjali fil-Ħiliet għal teknoloġiji ġodda — fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli inġenerali u s-settur tal-kostruzzjoni b'enfasi fuq it-teknoloġiji b'użu baxx ta' karbonju.*
- *Il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri biex jinvolvu mill-qrib l-imsieħba soċjali fid-diskussjonijiet dwar it-tranżizzjoni tal-enerġija, b'mod partikolari fil-kuntest tal-pjanijiet nazzjonali integrati dwar il-klima u l-enerġija.*

2. Il-finanzjament tal-UE għal riżultati għall-ekonomija reali

Il-finanzjament tat-tranżizzjoni tal-enerġija se jkollu jgħaqqad investimenti privati mal-finanzjament pubbliku li jixpruna investimenti privati u jindirizza n-nuqqasijiet tas-suq. L-investimenti privati se jkunu ffaċilitati mill-proposti leġiżlattivi f'dan il-pakkett u l-proposta għal riforma tas-Sistema tal-UE għall-Iskambju tal-Emissjonijiet. Is-swieq tal-enerġija u tal-karbonju li jaħdmu sew se jkunu kruċjali biex jiffaċilitaw l-indirizzar tal-isfida ta' investiment, flimkien mal-istabbiltà regolatorja u l-politika ta' trasparenza.

Barra minn hekk, l-istrumenti finanzjarji tal-UE qed jagħtu kontribut sinifikanti għall-appoġġ tat-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa, kif intwera mill-**Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi**. Il-Fond huwa fit-triq it-tajba biex jimmobilizza mill-inqas EUR 315-il biljun f'investiment addizzjonali fl-ekonomija reali sa nofs l-2018. L-aħħar ċifri kienu ta' EUR 154 biljun. Bit-tnedija tat-tieni fażi tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, il-Kummissjoni pproponiet li ssaħħaħ u testendi l-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi. Huwa propost li mill-anqas 40 % tal-investimenti fl-opportunità ta' infrastruttura u innovazzjoni għandhom ikunu rilevanti għall-klima, l-enerġija u l-ambjent u jikkontribwixxu għall-kisba tal-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi.

F'konformità mal-għan tal-UE li jintefqu tal-anqas 20 % fuq l-azzjoni klimatika fil-**baġit tal-UE fil-perjodu 2014–2020**, il-politika ta' Koeżjoni riformata[5] għandha wkoll rwol kruċjali fit-twettiq tal-objettivi tal-Unjoni tal-Enerġija, b'allokazzjonijiet finanzjarji rilevanti ta' EUR 68,8 biljun. Dan se jkun kumplimentat b'kofinanzjar nazzjonali pubbliku u privat, li jammonta għal total ta' madwar EUR 92 biljun[6]. Barra minn hekk, il-programmi ta' żvilupp rurali jipprovdu appoġġ għal investimenti mmirati fl-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika (kważi EUR 6 biljun). Filwaqt li indikazzjonijiet bikrija għall-fondi tal-Politika ta' Koeżjoni juru progress fl-implimentazzjoni fl-2016[7], hija meħtieġa azzjoni urġenti biex titħaffef l-implimentazzjoni ta' dawn il-fondi f'għadd ta' Stati Membri. Il-Kummissjoni se tkompli toffri appoġġ tekniku lill-Istati Membri bi kwistjonijiet ta' implimentazzjoni.

Regoli aktar sempliċi u flessibbli, kif propost mill-Kummissjoni fir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014–2020, se jikkontribwixxu wkoll biex jaċċelleraw l-implimentazzjoni ta' dan il-finanzjament. Bħala parti mir-rieżami, il-Kummissjoni nediet aġenda usa' ta' simplifikazzjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-fondi tal-UE. Dan jinkludi l-

[5] Il-Politika ta' Koeżjoni titwettaq permezz tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Soċjali Ewropew, li huma kollha parti mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej.

[6] Stima bbażata fuq il-medja differenzjata ta' kofinanzjament mit-tabelli finanzjarji tal-programmi operazzjonali 2014–2020 għall-objettivi tematiċi "l-appoġġ tal-bidla lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju" u "il-promozzjoni ta' trasport sostenibbli u t-tneħħija ta' ostakoli fl-infrastrutturi tan-netwerks ewlenin".

[7] Id-*data* tal-għażla ta' proġetti sa tmiem l-2016 se tkun disponibbli fil-bidu tal-2017.

iffaċilitar tar-rabta tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi ma' sorsi oħrajn ta' finanzjament tal-Unjoni, inklużi l-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej. Objettiv wieħed huwa li jissaħħaħ l-użu tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi f'reġjuni inqas żviluppati u ta' tranżizzjoni. Taħt il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej, l-Istati Membri u r-reġjuni diġà qed jippjanaw li jinvestu kważi EUR 6,4 biljun permezz ta' **strumenti finanzjarji** fil-qasam tal-karbonju baxx, l-aktar għall-effiċjenza fl-użu tal-enerġija. Din hija żieda ta' aktar minn tmien darbiet fl-allokazzjonijiet meta mqabbla mal-perjodu 2007–2013, u l-ewwel indikazzjonijiet juru li l-progress huwa diġà fi stadju avvanzat[8]. Biex tinkoraġġixxi użu akbar ta' strumenti finanzjarji, il-Kummissjoni qed tipprovdi wkoll appoġġ lill-Istati Membri permezz tal-pjattaforma fi-compass għal servizzi ta' konsulenza, u strumenti mhux kummerċjali li jipprovdu termini u kundizzjonijiet standard li huma kompatibbli mar-regolamenti tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej u r-regoli tal-għajnuna mill-Istat u jfittxu li jgħaqqdu r-riżorsi pubbliċi u privati.

Eżempju ta' proġett ta' suċċess taħt il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi flimkien mal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej huwa l-pjattaforma ta' investiment fir-reġjun Franċiż ta' Hauts-de-France, li juri kif firxa wiesgħa ta' atturi pubbliċi u privati jistgħu jiġbru flimkien l-għarfien espert tagħhom u kif jistgħu jiġu kkombinati l-fondi differenti sabiex jagħtu lok għal investiment sinifikanti tas-settur privat fi proġetti tal-enerġija b'livell baxx ta' karbonju. Eżempju ieħor huwa l-Finanzjament Privat għall-Effiċjenza Enerġetika (PF4EE)[9] li jipprovdi finanzjament tad-dejn protett mir-riskji permezz ta' banek kummerċjali lokali, li jippermetti lill-banek biex jipprovdu kundizzjonijiet ta' finanzjament aħjar għal proġetti ta' effiċjenza enerġetika fil-bini u l-SMEs. Dan jipprovdi wkoll appoġġ espert speċifiku li jippermetti lill-banek lokali li jiżviluppaw u jikkummerċjalizzaw prodotti finanzjarji ġodda tal-effiċjenza enerġetika mfassla skont il-ħtiġijiet tal-klijenti.

Il-**Faċilità ta' Trasport Aktar Nadif** se tagħmel użu minn strumenti finanzjarji u taħlit biex tuża teknoloġiji innovattivi b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju biex tħaffef il-bidla għall-mobbiltà b'livell baxx ta' emissjonijiet. Il-potenzjal tas-suq possibbli għat-tiġdid ta' xarabanks u kowċis huwa ta' madwar 3 500 vettura jew EUR 875 miljun f'investiment miżjud kull sena.

Sabiex tkompli żżid u tixpruna l-investiment b'appoġġ għat-tranżizzjoni tal-enerġija nadifa:

- *Il-Kummissjoni llum qed tniedi inizjattiva ta' finanzjament intelliġenti għal bini intelliġenti (ara l-Anness I) biex tappoġġa l-investiment fil-bini b'enerġija nadifa. Din l-inizjattiva se tappoġġa l-iżvilupp ta' pjattaformi ta' investiment filwaqt li tippermetti t-taħlita ta' fondi pubbliċi u l-użu ta' prodotti ta' finanzjament attraenti għall-atturi tas-suq fl-Istati Membri kollha fl-2017. Hija se ssaħħaħ ukoll l-assistenza teknika biex tkompli tiżviluppa u taggrega l-proġetti fuq skala żgħira u se tniedi attivitajiet ta' tnaqqis tar-riskji għall-investimenti fl-effiċjenza enerġetika.*
- *Fil-kuntest tal-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa, il-Kummissjoni reċentement nediet proġetti pilota biex tfittex, fil-livell tal-UE, konverġenza aktar b'saħħitha tal-iskedi tal-proċeduri differenti dwar il-proġetti ta' investiment fl-infrastruttura strateġika. Il-proġett pilota jkopri, fl-ewwel stadju, il-Belġju u s-Slovakkja. Abbażi ta' valutazzjoni ta' dawn il-proġetti, il-Kummissjoni se testendi din l-esperjenza għal Stati Membri*

[8] L-ewwel taqsira annwali tal-progress tal-istrumenti finanzjarji taħt il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej 2014–2020 se tiġi prodotta sal-aħħar ta' Novembru 2016.

[9] Il-Finanzjament Privat għall-Effiċjenza Enerġetika huwa strument finanzjarju tal-UE, żviluppat mill-Kummissjoni, iffinanzjat taħt il-Programm LIFE u mħaddem mill-Bank Ewropew tal-Investiment.

oħra, matul l-2017, bl-ambizzjoni li toħloq "one-stop-shop" effettiv għall-Istati Membri kollha, u ġġib flimkien is-servizzi responsabbli tal-Kummissjoni kollha — inklużi l-uffiċċji ta' Rappreżentanza tagħha fl-Istati Membri — f'tim uniku ta' politika ta' investiment.

- *Il-Kummissjoni ssejjaħ lill-Istati Membri biex iħaffu l-implimentazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej biex jappoġġaw it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa.*
- *Il-Kummissjoni qed tniedi fl-1 ta' Diċembru 2016 Faċilità ta' Trasport Aktar Nadif flimkien mal-Bank Ewropew tal-Investiment biex tappoġġa l-investiment fit-trasport b'enerġija nadifa, effiċjenti u infrastrutturi tat-trasport u tal-enerġija integrati.*

3. L-istabbiliment tal-inċentivi ġusti għall-investiment fit-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa

L-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli jew ta' miżuri dwar l-effiċjenza enerġetika jirrikjedi ammont intensiv ta' kapital. Dan jirrikjedi investimenti bil-quddiem fil-forma ta' tfaddil minn unitajiet domestiċi, ekwità min-negozji, jew finanzjament tad-dejn minn istituzzjonijiet ta' self, sabiex fil-futur jibbenefikaw minn tnaqqis fil-kontijiet tal-enerġija jew minn dħul.

Il-kuntest ekonomiku attwali bi spiża baxxa ta' kapital huwa favorevoli biex jiġi sfruttat l-investiment privat fuq skala akbar u biex l-infiq kapitali jiġi ddiriġut f'enerġija nadifa, soluzzjonijiet effiċjenti fl-użu tal-enerġija u assi sostenibbli. Din hija opportunità għaċ-ċittadini, il-kumpaniji, l-awtoritajiet pubbliċi u l-investituri biex ikunu jistgħu jiksbu redditu ogħla fuq il-kapital milli mit-tfaddil.

Biex jappoġġaw din il-bidla kbira fl-investiment lejn it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa, **il-pjanijiet nazzjonali integrati tal-klima u l-enerġija tal-Istati Membri** — parti mill-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija li fuqha l-Kummissjoni qed tippreżenta proposta llum[10] — se jservu wkoll bħala "pjanijiet direzzjonali ta' investiment", li jidentifikaw l-investimenti pubbliċi u privati meħtieġa għat-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa.

Struttura favorevoli u koerenti ta' inċentivi ekonomiċi hija wkoll kruċjali biex jiġu xprunati l-investimenti privati fit-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa. **Prezzar tal-karbonju effettiv u t-tneħħija gradwali tas-sussidji tal-fjuwils fossili** huma importanti ħafna biex jitneħħew distorsjonijiet tas-suq li jagħmlu l-ħsara, jiġu internalizzati l-kostijiet ambjentali u soċjetali ta' xenarju "ħidma bħas-soltu" u jgħinu fl-ipprezzar tar-riskji assoċjati għal opportunitajiet ta' investiment differenti.

Il-Kummissjoni diġà pproponiet riforma tal-Iskema tal-UE għall-Iskambju tal-Emissjonijiet għall-perjodu wara l-2020[11]. L-UE qed tappoġġa wkoll l-istabbiliment ta' sistemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet permezz ta' kooperazzjoni bilaterali[12] u l-parteċipazzjoni u l-finanzjament ta' inizjattivi multilaterali mal-imsieħba internazzjonali tagħna[13].

B'mod konformi mal-impenji meħuda taħt il-Ftehim ta' Pariġi dwar it-tibdil fil-klima u fil-G7 u l-G20, l-UE diġà ħadet għadd ta' passi konkreti biex jitneħħew **is-sussidji għall-fjuwils**

[10] COM (2016) 759.
[11] COM (2015) 337.
[12] Pereżempju maċ-Ċina u l-Korea.
[13] Skont il-Ftehim ta' Pariġi, madwar nofs il-pajjiżi indikaw li se jużaw mekkaniżmi tas-suq għat-twettiq tal-weghdiet għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tagħhom.

fossili, madankollu l-appoġġ pubbliku li jifdal li huwa pjuttost sinifikanti għaż-żejt, il-faħam u fjuwils b'livell għoli ta' karbonju oħra jkompli jgħawweġ is-suq tal-enerġija, joħloq ineffiċjenza ekonomika u jtellef l-investiment fit-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u l-innovazzjoni fir-rigward tagħha.

Skont l-aktar rapport reċenti tal-Kummissjoni dwar il-prezzijiet u l-ispejjeż tal-enerġija, li nħareġ illum bħala parti minn dan il-pakkett, is-sussidji għall-fjuwils fossili diretti tal-UE għall-elettriku u t-tisħin kienu ta' EUR 17,2-il biljun fl-2012, filwaqt li s-sussidji għall-fjuwils fossili fit-trasport kienu separatament stmati għal EUR 24,7 biljun[14]. Skont l-istimi tal-2015 tal-Fond Monetarju Internazzjonali, is-sussidji għall-fjuwils fossili tal-UE laħqu EUR 300 biljun meta jiġu inklużi l-ispejjeż esterni. Filwaqt li dan huwa proporzjon relattivament żgħir tal-ammont globali ta' aktar minn EUR 4,8 triljun[15], huwa xorta waħda ta' piż ekonomiku sinifikanti għall-UE. Il-prezzijiet baxxi attwali taż-żejt u tal-gass jipprovdu tieqa ta' opportunità għat-tneħħija gradwali tas-sussidji għall-fjuwils fossili, inklużi l-eżenzjonijiet mit-taxxa, mingħajr effetti negattivi fuq il-benefiċċji soċjali.

Sabiex tgħin biex tidderiġi mill-ġdid il-flussi finanzjarji lejn it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa:

- *Sabiex jiġi żgurat li s-sistema finanzjarja tista' tiffinanzja t-tkabbir b'mod sostenibbli fit-tul u jiġi evitat irbit ma' infrastruttura u assi b'emissjonijiet għoljin, il-Kummissjoni stabbilixxiet grupp ta' esperti ta' livell għoli li se jipprovdi pariri sal-aħħar tal-2017 biex jiġu żviluppati finanzi sostenibbli.*
- *Filwaqt li tibni fuq ir-rapport dwar il-prezzijiet u l-kostijiet tal-enerġija li ġie ppubblikat illum, il-Kummissjoni se ssaħħaħ it-trasparenza. Hija se tkompli tissorvelja mill-qrib il-prezzijiet u l-kostijiet tal-enerġija kull sentejn u se ssaħħaħ il-monitoraġġ tagħha tas-sussidji għall-fjuwils fossili b'mod konformi mal-impenn tal-UE fil-G7 u l-G20 biex jiġu eliminati s-sussidji ineffiċjenti fuq il-fjuwils fossili.*
- *Fl-2017, il-Kummissjoni se twettaq evalwazzjoni REFIT tal-qafas ġuridiku tal-UE dwar it-tassazzjoni fuq l-enerġija sabiex jiġu definiti l-passi possibbli li jmiss anke fil-kuntest ta' sforzi biex jitneħħew is-sussidji għall-fjuwils fossili.*
- *Il-pjanijiet nazzjonali integrati dwar il-klima u l-enerġija tal-Istati Membri se jippermettulhom jidentifikaw l-investimenti meħtieġa għat-tranżizzjoni tal-enerġija nadifa. L-Istati Membri għandhom ukoll jużaw dawn il-pjanijiet biex jissorveljaw it-tneħħija gradwali tas-sussidji għall-fjuwils fossili.*
- *Il-Kummissjoni se teżamina wkoll, meta tkun qed tirrevedi l-linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-protezzjoni ambjentali u l-enerġija 2014–2020, kif dawk ir-regoli, flimkien mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għall-investimenti fir-Riċerka u l-Innovazzjoni, jippermettu lill-Istati Membri biex jistimulaw l-innovazzjoni f'teknoloġiji u soluzzjonijiet tal-enerġija rinnovabbli.*

4. Ir-riċerka, l-innovazzjoni u l-kompetittività

[14] Dan jinkludi sussidji għall-faħam ta' EUR 9,7 biljun u EUR 6,6 biljun għall-gass; is-sussidji ġew minn wirt storiku ta' sussidji għall-investiment, għotjiet ta' investiment għall-fjuwils fossili, tariffi ta' injezzjoni, eżenzjonijiet mit-taxxa fuq il-fjuwil, il-produzzjoni tal-elettriku, u d-dekummissjonar u r-rimi tal-iskart. (Sors: Studju tal-2014 dwar is-sussidji u l-ispejjeż tal-enerġija. Għat-trasport (sussidji taż-żejt mhux maħdum), is-sors huwa l-inventarju tal-OECD 2013).

[15] Fond Monetarju Internazzjonali, 2015.

Ir-riċerka u l-innovazzjoni huma ta' importanza ewlenija sabiex tiġi appoġġata l-kompetittività u t-tmexxija globali tal-Ewropa fit-teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli avvanzati[16] u soluzzjonijiet ta' effiċjenza enerġetika u tkun permessa l-integrazzjoni b'suċċess tagħhom fl-ekonomija. L-Unjoni Ewropea tieħu sehem fl-inizjattiva tal-Missjoni tal-Innovazzjoni mnedija waqt il-Konferenza ta' Pariġi dwar il-Klima tal-2015, li tlaqqa' flimkien il-pajjiżi impenjati li jirdoppjaw l-investiment tagħhom fir-riċerka dwar l-enerġija nadifa matul ħames snin.

Flimkien ma' dan il-pakkett, il-Kummissjoni qiegħda tressaq **strateġija ddedikata dwar l-aċċellerazzjoni tal-innovazzjoni fl-enerġija nadifa**[17]. Din l-Istrateġija twassal prijoritizzazzjoni aktar b'saħħitha u azzjonijiet konkreti biex jiġi żgurat li l-innovazzjoni b'livell baxx ta' karbonju tintuża b'mod aktar wiesa' u titqiegħed fis-suq aktar malajr. B'hekk, l-inizjattiva se sservi bħala test għal approċċi orizzontali ġodda fil-futur fuq l-innovazzjoni u l-kompetittività.

Bl-aċċellerazzjoni tal-innovazzjoni fl-enerġija nadifa, l-Ewropa tista' tagħmel l-aħjar użu mit-tranżizzjoni lejn ekonomija b' karbonju baxx: tista' toħloq opportunitajiet għat-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi permezz ta' żieda fl-esportazzjonijiet u l-ħolqien ta' negozju u tagħti s-setgħa liċ-ċittadini permezz tal-integrazzjoni ta' soluzzjonijiet diġitali.

L-inizjattivi industrijali wkoll għandhom rwol importanti biex iġibu 'l quddiem l-innovazzjoni u l-kompetittività globali tal-UE. Dawn diġà huma element importanti stabbiliti fil-Pjan Strateġiku għat-Teknoloġiji tal-Enerġija (SET). Xi eżempji tajbin ta' dawn l-inizjattivi mmexxija mill-industrija jistgħu jinsabu għall-enerġija solari[18] u fil-grilji intelliġenti u fis-setturi tal-ħażna[19]. Eżempju tajjeb ieħor huwa l-Pjan Direzzjonali Strateġiku għall-Enerġija mill-Oċeani li jimmira li jimmassimizza l-investiment privat u pubbliku għall-iżvilupp tal-enerġija mill-oċeani billi kemm jista' jkun jitnaqqsu r-riskji tat-teknoloġija.

Fl-Istrateġija tal-Unjoni tal-Enerġija[20], il-Kummissjoni Ewropea ħabbret inizjattiva dwar il-ġbir flimkien u l-aċċessibbiltà **tad-*data*, l-analiżi u l-informazzjoni** rilevanti. Dan, l-ewwel u qabel kollox, għandu jippermetti lill-Kummissjoni tagħmel valutazzjoni robusta tal-prestazzjoni globali tat-teknoloġiji tal-enerġija nadifa tal-UE, mhux biss f'termini ta' riċerka u innovazzjoni, iżda wkoll is-sehem fis-suq, l-importazzjoni/l-esportazzjoni, l-impjiegi, it-tkabbir u l-investiment. Din il-valutazzjoni kompetittiva għandha tiġi aġġornata perjodikament fiż-żmien tal-adozzjoni tal-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija u l-azzjonijiet u l-prijoritajiet ewlenin għandhom jiġu riveduti kif xieraq.

Biex tingħata spinta lill-kompetittività tal-Ewropa u l-użu ta' teknoloġiji tal-enerġija nadifa:

- *Il-Kummissjoni llum qed tippreżenta inizjattiva dwar l-aċċellerazzjoni tal-innovazzjoni fl-enerġija nadifa, b'firxa ta' miżuri speċifiċi għat-titjib tal-ambjent regolatorju, ekonomiku u ta' investiment għall-innovazzjoni f'teknoloġiji u sistemi ta' enerġija nadifa, u li tiddefinixxi l-prijoritajiet ewlenin għall-użu tal-istrumenti finanzjarji u l-programmi tal-UE, bħal Orizzont 2020.*

[16] Ara wkoll il-proposta għal riformulazzjoni tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli, COM(2016) 767.
[17] COM (2016) 763.
[18] Din l-inizjattiva għandha l-għan li ttejjeb il-kompetittività u s-sostenibilità tas-settur, tiffaċilita l-espansjoni u l-integrazzjoni fuq skala kbira u bi prezz raġonevoli fil-grilja tal-elettriku.
[19] L-hekk imsejħa "Inizjattiva Ewropea dwar il-Grilja tal-Elettriku" li reċentement inbidlet fil-"Pjattaforma Ewropea tat-Teknoloġija u l-Innovazzjoni għal Netwerks Intelliġenti għat-Tranżizzjoni tal-Enerġija."
[20] COM (2015) 80.

- *Il-Kummissjoni se tappoġġja inizjattivi mmexxija mill-industrija biex tippromwovi t-tmexxija globali tal-UE f'teknoloġiji ta' enerġija nadifa, biex issaħħaħ ir-rabtiet industrijali fil-katina tal-valur kollha kemm hi u tintegra lill-atturi mhux ekonomiċi, bħalma huma l-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi. Il-Kummissjoni se tiddiskuti mal-partijiet ikkonċernati rilevanti dwar il-ħtieġa li jitwaqqaf "forum industrijali tal-enerġija nadifa", li jlaqqa' flimkien diversi setturi (enerġija-trasport-manifattura-diġitali) u jottimizza l-benefiċċji tat-tranżizzjoni għall-enerġija nadifa għall-industrija tal-UE.*
- *Il-Kummissjoni se taħdem mal-industrija, il-komunità tar-riċerka u partijiet ikkonċernati ewlenin oħra biex tipprovdi informazzjoni strateġika b'saħħitha fuq il-prestazzjoni globali tal-UE u l-pożizzjoni kompetittiva tagħha fl-enerġija b'livell baxx ta' karbonju u soluzzjonijiet effiċjenti fl-użu tal-enerġija. Din il-valutazzjoni kompetittiva se tiġi aġġornata perjodikament.*

5. Il-bini tal-infrastruttura fiżika meħtieġa biex issostni l-fluss ħieles tal-enerġija u t-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa

Illum is-sistema tal-enerġija Ewropea għaddejja minn tranżizzjoni. In-netwerks tal-enerġija jridu jkunu aġġornati u mmodernizzati biex ilaħħqu maż-żieda fid-domanda għall-elettriku minħabba bidla maġġuri fil-katina u t-taħlita tal-valur tal-enerġija globali b'aktar integrazzjoni ta' diversi sorsi ta' enerġija rinnovabbli. Hija meħtieġa wkoll infrastruttura ddedikata għall-appoġġ tal-mobbiltà b'emissjonijiet baxxi.

Filwaqt li l-prijorità fuq terminu ta' żmien qasir hija li jiġi żgurat it-tħaddim xieraq tas-suq intern tal-enerġija permezz tal-iżvilupp tal-interkonnetturi neqsin biex tintlaħaq il-**mira ta' 10 % tal-interkonnessjonijiet għall-2020** li diġà teżisti, billi tintemm l-iżolazzjoni ta' għadd ta' Stati Membri, u billi jitneħħew l-ostakoli interni, jeħtieġ li l-infrastruttura tal-enerġija li qed tiġi ppjanata llum, tkun fl-istess ħin kompatibbli mal-għażliet politiċi fuq terminu ta' żmien itwal, inkluża t-tranżizzjoni lejn il-mobbiltà b'emissjonijiet baxxi.

Dan ifisser ukoll l-iżgurar li titqies l-**effiċjenza enerġetika**[21] fl-ippjanar tas-sistema enerġetika globali: il-ġestjoni tad-domanda b'mod attiv sabiex jitnaqqas il-konsum tal-enerġija, l-ispejjeż għall-konsumaturi, id-dipendenza fuq l-importazzjonijiet u l-investiment fl-effiċjenza enerġetika tal-infrastruttura jiġi ttrattat bħala triq kosteffikaċi lejn ekonomija ċirkolari u b'livell baxx ta' karbonju. L-investiment f'infrastrutturi dejjem aktar intelliġenti u flessibbli ġie identifikat bħala waħda mill-għażliet li ma jistgħux imorru ħażin.

Sabiex jiġi appoġġjat l-iżvilupp tal-infrastruttura fiżika meħtieġa biex tiżgura t-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u fluss ħieles tal-enerġija:

- *Fil-qafas tal-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija annwali, il-Kummissjoni se tevalwa l-Proġetti ta' Interess Komuni li jkunu mdewma jew posposti sabiex tiffaċilita l-implimentazzjoni tagħhom. Tista' wkoll tindirizza dawn il-kwistjonijiet fir-rakkomandazzjonijiet tagħha lill-Istati Membri, b'mod partikolari fir-rigward ta' Proġetti ta' Interess Komuni identifikati fil-qafas tal-gruppi ta' livell għoli dwar l-enerġija.*
- *Il-Kummissjoni, fir-rieżami li jmiss tar-Regolament TEN-E fl-2017, se tħares lejn it-*

[21] Ara l-proposta biex tiġi emendata d-Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika, COM (2016) 761.

titjib tal-qafas regolatorju biex tinċentiva aktar it-tlestija tal-Proġetti ta' Interess Komuni.

- *Il-Kummissjoni waqqfet grupp ta' esperti sabiex jagħtu pariri tekniċi dwar kif għandha tinqasam b'mod kosteffettiv il-mira ta' 15 % ta' interkonnessjoni tal-elettriku f'livelli ta' interkonnessjoni reġjonali, nazzjonali u/jew konfinali. Il-Kummissjoni se tirrapporta dwar dan fil-ħarifa 2017, flimkien mal-adozzjoni tat-tielet lista tal-Unjoni ta' Proġetti ta' Interess Komuni.*

6. Diġitalizzazzjoni

L-Istrateġija tas-Suq Uniku Diġitali tal-Kummissjoni ta' Mejju 2015[22] għandha l-għan li toħloq l-ambjent u l-kundizzjonijiet tajba għall-użu ta' netwerks u servizzi diġitali avvanzati, inkluż fis-settur tal-Enerġija.

Sabiex jinkisbu riżultati dwar it-**trattament ġust għall-konsumaturi** se jkun hemm bżonn li kumpaniji innovattivi jgħaqqdu flimkien it-teknoloġiji l-ġodda tal-enerġija mat-teknoloġija diġitali (big data, cloud computing) u teknoloġija tal-komunikazzjoni mobbli (5G) biex joffru prodotti u servizzi ġodda (il-ġenerazzjoni deċentralizzata tal-elettriku, sistemi ta' ġestjoni tal-enerġija, l-elettrodomestiċi intelliġenti u l-kontrolli intelliġenti; il-ħżin fuq skala żgħira inklużi karozzi li jaħdmu bl-elettriku) li jappoġġjaw b'mod attiv lill-konsumaturi u jgħinu biex jottimizzaw il-konsum tal-enerġija (tnaqqis u ċaqliq) u b'hekk jiffrankaw il-flus. F'Settembru 2016, il-Kummissjoni pproponiet rieżami tar-regoli tat-telekomunikazzjoni tal-UE biex jintlaħqu l-ħtiġijiet ta' konnettività dejjem akbar tal-Ewropej billi jitħeġġeġ l-investiment f'netwerks ta' kapaċità għolja ħafna. Il-Kummissjoni ppreżentat ukoll Pjan ta' Azzjoni 5G[23], li jipprevedi kalendarju komuni tal-UE għal tnedija kummerċjali koordinata tal-5G fl-2020.

Fl-istess ħin, il-kwistjoni dwar l-aċċess għad-*data*, il-privatezza u l-protezzjoni tad-*data* trid tiġi segwita, kif ukoll iċ-ċibersigurtà u l-kwistjonijiet ta' standards miftuħa u interoperabilità. Il-ħidma fuq din tal-aħħar ġiet imnedija mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' April 2016 dwar id-diġitalizzazzjoni tal-industrija Ewropea[24]. Din il-komunikazzjoni nediet ukoll Inizjattiva Ewropea ġdida tal-Cloud li għandha l-potenzjal li ssir is-sinsla għas-sistema tad-*data* tal-enerġija ġdida.

L-iżgurar tar-reżiljenza tas-sistemi ta' provvista tal-enerġija kontra t-theddid u **r-riskju ċibernetiku** qed isir dejjem iktar importanti minħabba l-użu mifrux tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u t-traffiku tad-*data* qed isir il-bażi għall-funzjonament tal-infrastrutturi li fuqhom huma bbażati s-sistemi tal-enerġija. Pjattaforma taċ-Ċibersigurtà ta' Esperti fl-Enerġija attwalment qed tanalizza l-ħtiġijiet speċifiċi għas-sigurtà tal-infrastruttura tal-enerġija u se tagħti parir lill-Kummissjoni f'dan ir-rigward.

Bħala parti mill-preżentazzjoni dwar l-Istrateġija tas-Suq Uniku Diġitali:

- *Il-Kummissjoni qed tħejji inizjattiva biex tmexxi 'l quddiem ekonomija Ewropea tad-data. Din l-inizjattiva, flimkien mal-proposta dwar id-Disinn tas-Suq tal-Enerġija[25], se*

[22] COM (2015) 192.
[23] COM (2016) 588.
[24] COM (2016) 180.
[25] L-inizjattiva ta' disinn tas-suq proposta tikkonsisti f'riformulazzjoni tad-Direttiva dwar l-Elettriku (COM (2016) 864), riformulazzjoni tar-Regolament dwar l-Elettriku (COM (2016) 861), riformulazzjoni tar-

tindirizza l-kwistjonijiet ta' lokalizzazzjoni tad-data kif ukoll kwistjonijiet emerġenti bħalma huma s-sjieda u r-responsabbiltà, l-użu (mill-ġdid), l-aċċess u l-interoperabbiltà, u se tkun partikolarment rilevanti għal data meħtieġa għal proċessi tal-enerġija u servizzi tal-enerġija ġodda.

- *Il-Kummissjoni qed taħdem fuq rieżami tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika sabiex tallinjaha mar-regoli li ġew adottati dan l-aħħar dwar il-protezzjoni tad-data. Dan se jkun rilevanti għat-trattament ta' data minn konsum ta' enerġija intelliġenti.*
- *Abbażi tal-iżvilupp b'suċċess tal-istandards tal-grilji intelliġenti, fl-2017 il-Kummissjoni se tniedi proġett ta' sentejn biex jiġu żviluppati standards ta' komunikazzjoni siguri u komuni li għandhom jiżguraw il-fluss liberu ta' data marbuta mal-enerġija għal partijiet ikkonċernati rilevanti. Il-Kummissjoni se tippubblika r-riżultati sa tmiem l-2018.*
- *Fl-2017 il-Kummissjoni se tistabbilixxi gruppi ta' ħidma tal-partijiet ikkonċernati taħt it-Task Force dwar il-Grilji Intelliġenti sabiex tħejji t-triq għall-kodiċijiet ta' netwerk dwar ir-rispons għad-domanda, iċ-ċibersigurtà speċifika għall-enerġija u l-format tad-data tal-konsumatur komuni. Il-Kummissjoni se tirrapporta dwar l-istruttura, l-ambitu u l-ippjanar tal-gruppi fir-rebbiegħa tal-2017 u r-riżultati finali sa tmiem l-2018.*
- *Abbażi tal-ħidma tal-Grupp ta' Esperti għaċ-Ċibersigurtà tal-Enerġija, il-Kummissjoni se tniedi pjattaforma ta' konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati matul l-2017 u, jekk meħtieġ, tipproponi l-azzjonijiet xierqa sa tmiem l-2017.*
- *Bħala segwitu għall-istrateġija ta' mobilità b'livell baxx ta' emissjonijiet, il-Kummissjoni qed tadotta strateġija ta' mobilizzazzjoni tal-UE għal Sistemi tat-Trasport Intelliġenti u Kooperattivi, biex tippermetti t-tnedija ta' dawn is-sistemi fl-UE kollha sal-2019 u taċċellera t-transizzjoni lejn trasport bit-triq kooperattiv, konness u awtomatizzat.*

7. Id-dimensjoni esterna

Il-linji ta' politika esterni u tal-iżvilupp huma għodod importanti biex jappoġġaw it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa b'mod globali u jgħinu lill-pajjiżi msieħba tagħna, kif ukoll lill-viċinat tal-UE, iwettqu l-impenji tagħhom skont il-Ftehim ta' Pariġi u l-għanijiet tal-Aġenda 2030 għall-iżvilupp sostenibbli.

Dan ifisser aktar involviment tal-UE f'inizjattivi multilaterali u l-promozzjoni ta' arkitettura tal-enerġija aktar robusta u inklużiva madwar id-dinja — f'konformità mal-**Pjan ta' Azzjoni dwar id-Diplomazija tal-Enerġija tal-UE**[26]. L-UE hija membru attiv tal-Forum Ministerjali dwar l-Enerġija Nadifa multilaterali, li huwa forum globali ta' livell għoli li jippromwovi politiki u programmi li jġibu 'l quddiem it-teknoloġiji tal-enerġija nadifa, fejn jiġu kondiviżi t-tagħlimiet meħuda u l-aħjar prattiki, u tiġi inkoraġġita t-tranżizzjoni lejn ekonomija globali ta' enerġija nadifa. Il-Kummissjoni se tiżgura li t-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' karbonju tibqa' parti integrali mid-djalogu dwar l-enerġija u l-kooperazzjoni fir-relazzjonijiet bilaterali u multilaterali tal-UE.

Regolament li jistabbilixxi l-ACER (COM (2016) 863), u Regolament ġdid dwar il-preparazzjoni għar-riskji fis-settur tal-elettriku (COM (2016) 862).

[26] Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-diplomazija enerġetika adottati mill-Kunsill Affarijiet Barranin fl-20 ta' Lulju 2015 (10995/15).

Il-Kummissjoni identifikat l-azzjoni għall-enerġija sostenibbli u għall-klima bħala l-mutur ewlieni fil-**proposta tagħha għall-Kunsens Ewropew ġdid dwar l-Iżvilupp**[27]. L-enerġija hija fattur importanti ħafna għall-iżvilupp u ċentrali għal soluzzjonijiet għal pjaneta sostenibbli, kif rikonoxxut fl-Aġenda 2030 u b'mod partikolari fl-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) 7 "Enerġija nadifa u bi prezz raġonevoli" u 13 "Azzjoni klimatika"[28]. L-approċċ strateġiku tal-UE dwar l-enerġija fil-politika ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp huwa ċċentrat fuq tliet prijoritajiet ewlenin: i) l-indirizzar tan-nuqqas ta' aċċess għall-enerġija, ii) iż-żieda fil-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli, u, iii) il-kontribuzzjoni għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima. Minħabba l-kobor tal-investiment meħtieġ, l-UE se żżid il-kooperazzjoni mas-sħab mis-settur pubbliku u privat, biex jinkiseb l-aċċess għall-enerġija, l-effiċjenza enerġetika u l-ġenerazzjoni enerġetika rinnovabbli. Dan se jmur id f'id mal-appoġġ tal-UE għal pajjiżi terzi fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u fl-iżvilupp ta' ekonomiji b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju u reżiljenti għall-klima skont it-tmexxija globali tal-UE dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra.

Il-Kummissjoni pproponiet **Pjan ta' Investiment Estern Ewropew**[29] biex tipprovdi pakkett finanzjarju integrat li jista' jiffinanzja l-investimenti barra mill-UE. Il-Pjan ikun jinkludi Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli; assistenza teknika biex jiġu żviluppati proġetti sostenibbli u jiġu attirati l-investituri; u sett ta' programmi ta' assistenza teknika għall-iżvilupp biex itejbu l-ambjenti ta' investiment u ta' politika fil-pajjiżi kkonċernati, u b'mod partikolari jiżdiedu l-investimenti privati u pubbliċi f'ekonomija b'livell baxx ta' karbonju.

L-enerġija hija punt fokali tal-**kooperazzjoni tal-UE mal-ġirien tagħha**, b'enfasi fuq ir-riformi regolatorji, il-promozzjoni tal-użu tal-enerġiji rinnovabbli u l-effiċjenza tal-enerġija. Dan huwa l-każ fil-Komunità tal-Enerġija, fejn l-UE qed tgħin biex toħloq suq reġjonali tal-enerġija f'konformità mal-istandards regolatorji tal-UE. Fil-Viċinat tan-Nofsinhar, il-proċess ta' stabbiliment ta' suq tal-elettriku u tal-gass Ewro-Mediterran għadu għaddej, u fil-Viċinat tal-Lvant, il-proġett EU4Energy joffri appoġġ għal riformi fis-settur tal-enerġija. Dawn huma mfassla f'kull każ biex joħolqu ambjent favorevoli għall-investimenti fl-enerġiji rinnovabbli u fl-effiċjenza fl-użu tal-enerġija. B'mod partikolari l-appoġġ tal-UE jgħin biex jinħoloq il-qafas regolatorju biex l-enerġija rinnovabbli tkun tista' tinxtara jew tinbiegħ internazzjonalment.

Eżempju ta' proġett ta' suċċess huwa l-akbar impjant solari fid-dinja f'Ouarzazate, li se jipprovdi nofs id-domanda għall-enerġija rinnovabbli tal-Marokk sal-2030, u possibbilment jesporta l-elettriku lejn l-UE u lejn il-Lvant[30].

L-UE qed issaħħaħ il-kooperazzjoni mal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent, it-Turkija u l-Ġirien tan-Nofsinhar u dawk tal-Lvant dwar l-effiċjenza fl-enerġija. F'kooperazzjoni mal-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, il-Kummissjoni se żżid l-investimenti fl-effiċjenza tal-enerġija fis-settur tal-bini, u se tibda b'erba' pajjiżi pilota, l-Ukrajna, il-Georgia, is-Serbja u t-Tuneżija.

---

[27] Il-Komunikazzjoni dwar Proposta għal Kunsens Ewropew ġdid dwar l-Iżvilupp — Id-Dinja tagħna, id-Dinjità tagħna, il-Ġejjieni tagħna", COM (2016) 740.

[28] Ara wkoll il-Komunikazzjoni "Il-passi li jmiss għal futur Ewropew sostenibbli — Azzjoni Ewropea għas-sostenibbiltà", COM (2016) 739.

[29] Il-Komunikazzjoni "Komunikazzjoni: "It-tisħiħ tal-Investimenti Ewropej għall-impjieg u t-tkabbir: Lejn it-tieni fażi tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi u Pjan ġdid ta' Investiment Estern għall-Ewropa", COM (2016) 581.

L-Afrika hija sieħeb privileġġat tal-UE u s-**Sħubija għall-Enerġija bejn l-Afrika u l-UE** tipprovdi l-qafas ta' kooperazzjoni konġunta tal-enerġija. L-UE qiegħda wkoll tappoġġa l-Inizjattiva għall-Enerġija Rinnovabbli fl-Afrika, inizjattiva mmexxija mill-Afrika bl-għan li żżid il-kapaċità tal-enerġija rinnovabbli tal-Afrika b'10 GW sal-2020 u timmobilizza l-potenzjal ta' enerġija rinnovabbli tal-Afrika ta' 300 GW sal-2030. Sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal tal-enerġija sostenibbli fl-Afrika, l-enfasi se tkun fuq iż-żieda tal-kapaċità ta' ġenerazzjoni minn riżorsi rinnovabbli, it-titjib tal-interkonnessjonijiet transfruntiera u l-governanza tas-settur tal-enerġija.

Bħala membru tal-**Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ**, l-UE tippromwovi wkoll attivament il-liberalizzazzjoni tal-prodotti u s-servizzi, li jista' jkollha bosta benefiċċji ambjentali. Hija qed taħdem mill-qrib flimkien ma' 16-il membru ieħor tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ li jirrappreżentaw il-biċċa l-kbira tal-kummerċ dinji fi prodotti ambjentali, bl-għan li jiġi konkluż ftehim ambizzjuż dwar il-prodotti ambjentali. Anke fil-ftehimiet kummerċjali bilaterali tagħha, l-UE tfittex il-liberalizzazzjoni bikrija ta' prodotti u servizzi ambjentali u l-iffaċilitar tal-kummerċ u l-investiment fil-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli.

Iż-żieda fil-flussi kummerċjali hija mistennija li tgħin it-tixrid rapidu ta' prodotti, servizzi u teknoloġiji ambjentali madwar id-dinja u l-bidla lejn ekonomija b'livell baxx ta' karbonju. L-UE tinsab fuq quddiem nett fid-dinja fl-esportazzjonijiet u l-importazzjonijiet ta' prodotti ambjentali. Fl-2013, l-esportazzjonijiet tal-UE ta' prodotti elenkati fil-lista ekoloġika ammontaw għal EUR 146 biljun (madwar 8 % tat-total kollu tal-UE) u l-importazzjonijiet għal EUR 70 biljun. Il-kumpaniji Ewropej għandhom jimmiraw biex ikomplu jiżviluppaw u jesportaw l-inġenjożità u l-għarfien espert tagħhom dwar l-innovazzjoni.

Fl-aħħar nett, il-Komunikazzjoni dwar il-**governanza tal-oċeani**[31] tistabbilixxi azzjonijiet li se jgħinu biex jinħolqu kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni globali għas-settur Ewropew tal-enerġija mill-oċeani.

Fil-kuntest tal-impenn biex it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa ssir element essenzjali tal-kontribut tal-UE għall-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 għall-iżvilupp sostenibbli u tal-Ftehim ta' Pariġi:

- *Il-Kummissjoni tappella lill-koleġiżlaturi biex jadottaw il-pakkett leġiżlattiv tal-Pjan ta' Investiment Estern mill-aktar fis possibbli.*
- *Il-Kummissjoni għandha tiffavorixxi l-enerġija bħala wieħed mis-suġġetti ewlenin tal-2017 tas-Summit Afrika-UE f'Abidjan f'Novembru 2017.*
- *Il-Kummissjoni se torganizza Forum ta' Livell Għoli tan-Negozju dwar l-Investimenti fl-Enerġiji Rinnovabbli fl-Afrika fir-rebbiegħa 2017 biex iżżid il-fehim u l-kuxjenza dwar l-isforzi tal-Kummissjoni u l-bżonnijiet tas-settur privat għall-investimenti fl-enerġiji rinnovabbli fl-Afrika.*
- *Fir-rebbiegħa tal-2017, il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali se tevalwa l-eżerċizzju pilota biex iżżid l-investimenti fl-effiċjenza tal-enerġija fis-settur tal-bini f'erba' proġetti pilota bl-għan li testendih għal pajjiżi oħra maż-żmien.*
- *Ir-rieżami ta' nofs it-terminu fl-2017 tal-ipprogrammar pluriennali tal-Viċinat*

[31] Il-governanza internazzjonali tal-oċeani: aġenda għall-futur tal-oċeani tagħna. Il-Komunikazzjoni Konġunta mill-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (JOIN(2016) 49 tal-10 ta' Novembru 2016).

strateġiku tal-Viċinat Ewropew u l-Istrumenti ta' Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni sabiex jiġi integrat aktar finanzjament għall-effiċjenza enerġetika fil-bini bħala parti mill-investimenti fl-enerġija, fil-klima u fil-ħolqien tal-impjiegi.

- *Il-Kummissjoni se tkompli bl-isforzi tagħha lejn il-konklużjoni ta' ftehim dwar il-prodotti u s-servizzi ambjentali (WTO) sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż tal-isforzi għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima.*

8. Governanza u sħubiji għal twettiq effettiv

It-tranżizzjoni tal-enerġija ma tistax tiġi minn fuq għal isfel. Hemm bżonn ta' azzjoni politika fil-**livelli differenti ta' gvern** (lokali, reġjonali, nazzjonali, tal-UE u internazzjonali) **u partijiet ikkonċernati oħra**. Il-governanza tal-Unjoni tal-Enerġija se tgħin biex jiġi żgurat l-allinjament tal-politika u biex jiġi żgurat li l-UE kollha kemm hi tilħaq l-għanijiet tagħha tal-enerġija u tal-klima, b'mod partikolari l-miri tal-2030.

It-transizzjoni lejn enerġija nadifa mhux se sseħħ mingħajr l-azzjoni mill-bosta partijiet ikkonċernati mis-soċjetà ċivili u fil-livell reġjonali u lokali. L-UE tinsab f'qagħda unika biex tintegra t-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa fis-setturi u fil-livelli kollha ta' governanza. Għaldaqstant, se jkun importanti li l-bliet, ir-reġjuni, in-negozji, l-imsieħba soċjali u partijiet ikkonċernati oħra jkunu involuti fid-disinn u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali integrati dwar il-klima u l-enerġija.

Il-kooperazzjoni reġjonali bejn l-Istati Membri se tgħinhom jilħqu l-objettivi tal-enerġija u l-klima tal-UE b'mod effettiv u għaqli. Il-proposti leġiżlattivi f'dan il-pakkett se jiffaċilitaw il-kooperazzjoni reġjonali. Il-Kummissjoni se tħejji Gwida lill-Istati Membri dwar il-kooperazzjoni reġjonali billi tibni fuq l-istrutturi ta' kooperazzjoni li diġà jeżistu u l-inklużjoni tal-integrazzjoni reġjonali fil-ħames dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija.

Peress li l-**bliet u l-komunitajiet urbani** huma l-post fejn parti kbira mit-trasformazzjoni fil-fatt se sseħħ, l-UE ilha tagħti attenzjoni partikolari lil dawn il-fatturi li jwasslu għall-bidla. Il-ħidma fuq l-iffaċilitar tal-azzjoni fil-livell ta' belt intensifikat fl-2016, permezz tal-adozzjoni tal-"Patt ta' Amsterdam li jistabbilixxi l-Aġenda Urbana għall-UE", il-ħolqien ta' Patt tas-Sindki Globali u t-tnedija mill-Kummissjoni ta' "one stop shop" ibbażat fuq l-internet għall-awtoritajiet lokali li jfittxu informazzjoni personalizzata dwar inizjattivi urbani tal-UE, inkluż dwar it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa. Il-Patt tas-Sindki għall-Klima u l-Enerġija, bħala l-inizjattiva ewlenija tal-UE għall-azzjoni fil-livell ta' belt kontra l-bidla fil-klima, qed jikseb momentum ġdid b'ambitu usa' li issa jinkludi l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih u l-aċċess għal enerġija nadifa u affordabbli. Il-Kummissjoni bħalissa qed tirreplika dan il-mudell ta' suċċess fl-Amerika ta' Fuq u l-Messiku; l-Amerika Latina u l-Karibew; il-Ġappun; iċ-Ċina; l-Indja; ix-Xlokk tal-Asja; u l-Afrika sub-Saħarjana taħt il-Patt tas-Sindki Globali. Il-proġetti ambizzjużi tat-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa fil-livell belti u reġjonali għandhom isiru aktar viżibbli u jistgħu jiġu replikati madwar l-Unjoni, inkluż permezz taż-Żjarat tal-Unjoni tal-Enerġija fl-2017.

Iż-żoni rurali wkoll għandhom potenzjal importanti li jikkontribwixxu għal din it-tranżizzjoni, pereżempju fir-rigward tal-effiċjenza tal-enerġija u l-enerġija rinnovabbli, inkluża l-bijoenerġija sostenibbli.

Il-gżejjer u r-reġjuni insulari jipprovdu pjattaformi għal inizjattivi pilota dwar it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u jistgħu jservu bħala vetrina fil-livell internazzjonali, bħal,

pereżempju, fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE bil-każ ta' El Hierro (il-Gżejjer Kanarji), għira b'100 % ta' enerġija rinnovabbli. Il-Kummissjoni tixtieq tgħin biex jitħaffu l-iżvilupp u l-adozzjoni tal-aħjar teknoloġiji disponibbli fi gżejjer u reġjuni insulari, inkluż l-iskambju tal-aħjar prattiki fl-iffinanzjar u fir-reġimi legali u regolatorji, u fl-enerġija għat-trasport. L-ewwel pass huwa li jingħaqdu l-gżejjer infushom flimkien, irrispettivament mid-daqs, il-ġeografija jew il-lokazzjoni tagħhom.

Biex tiġi appoġġata l-integrazzjoni tat-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa:

- *Il-Kummissjoni tistieden il-bliet, ir-reġjuni, in-negozji, l-imsieħba soċjali u partijiet ikkonċernati oħra biex ikunu involuti b'mod attiv fid-diskussjonijiet dwar it-tranżizzjoni tal-enerġija, b'mod partikolari fil-kuntest tal-pjanijiet nazzjonali integrati dwar il-klima u l-enerġija għall-iżvilupp ta' soluzzjonijiet li jirrispondu b'mod adegwat għall-ħtiġijiet tat-territorji differenti.*
- *Fl-2017 il-Kummissjoni se tippreżenta Gwida lill-Istati Membri dwar il-Kooperazzjoni reġjonali biex tiġi ffaċilitata l-kisba effettiva u effiċjenti tal-objettivi tal-Unjoni tal-Enerġija.*
- *Fl-ewwel nofs tal-2017, il-Kummissjoni se torganizza laqgħa ta' livell għoli fil-Belt Valletta dwar l-opportunitajiet u l-isfidi tal-enerġija nadifa għall-gżejjer. Dan se jniedi proċess biex jiġu appoġġati l-gżejjer fit-tranżizzjoni tagħhom lejn enerġija nadifa.*